# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R MICALLEF**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 4 ta' Dicembru, 2018**

**Numru 1**

**Appell numru: 612/13JA**

**Anthony sive Tonio Depasquale**

**v.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku fis-16 ta' Diċembru, 2013, minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2013, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqgħet it-talbiet tal-attur biex ismu jkun formalment magħruf bħala "Tonio" u biex dak l-għarfien

jitniżżel fl-Att tat-Twelid tiegħu minflok l-isem "Anthony" kull fejn jidher f'dak l-Att;

2. Dik il-Qorti, waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li qieset hekk:

"*Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attur Anthony sive Tonio Depasquale fl-24 ta' Ġunju 2013 fejn ġie premess:*

*"Illi r-rikorrenti twieled fis-sitta ta' Novembru tas-sena elf disa' mija tmienja u erbgħin u fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti maħruġ mir-Reġistru Pubbliku bin-numru progressiv 9441 tas-sena elf disa' mija tmienja u erbgħin (1948) hawn anness u mmarkat 'Dok TD1', l-isem tiegħu fil-kolonna 'isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa' huwa mniżżel bħala 'Anthony';*

*"Illi minn ċkunitu r-rikorrenti dejjem kien magħruf bl-isem ta' "Tonio" kemm fost il-familja u kemm fost il-ħbieb u l-konoxxenti tiegħu, u fil-fatt dan huwa l-isem li l-attur juża għalih u li jiġi wżat għalih mill-familja, il-ħbieb u l-konoxxenti tiegħu, u l-attur kien konsistentement imsejjaħ bl-isem ta' "Tonio" kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*"Illi l-familjari u ħbieb tal-istess rikorrent jafuh bl-isem Tonio, u dan huwa rifless f'dokumenti indirizzati lilu, u dan kif ser jiġi trattat waqt il-kawża;*

*"Illi hekk kif jidher ċar mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok TD2', 'Dok TD3', 'Dok TD4', 'Dok TD5', 'Dok TD6', 'Dok TD7', 'Dok TD8', 'Dok TD9', 'Dok TD10', ir-rikorrenti minn dejjem kien magħruf bħala Tonio Depasquale kemm fil-ħajja privata tiegħu kif ukoll f'dik professjonali.*

*"Illi nonostante dan l-att tat-twelid tar-rikorrenti juri l-isem 'Anthony';*

*"Illi dan l-istat ta' fatt qiegħed jikkaġuna nkonvenjent u preġudizzju lir-rikorrenti, kif ukoll diversi problemi u kumplikazzjonijiet fil-ħajja privata u kwotidjana tiegħu kif jista' jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*"Illi r-rikorrenti għandu nteress skond il-liġi, inter alia ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap 16, li ssir id-debita korrezzjoni.*

*"Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*"Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*"1. Tiddikjara li l-isem li bih ir-rikorrenti huwa konsistentement magħruf huwa "Tonio" u mhux "Anthony";*

*"2. Tordna l-korrezzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid, anness u mmarkat 'Dok TD1' minnu maħruġ, bin-numru: disgħa erbgħa erbgħa wieħed (9441) tal-1948, fis-sens illi fil-kolonna ntestata "isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa" l-isem "Anthony" jiġi kkanċellat u sostitwit bl-isem "Tonio";*

*"Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li huwa nġunt minn issa għas-subizzjoni.*

*"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.*

*"Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fl-24 ta' Lulju 2013 li permezz tagħha ġie eċċepit:*

*"Illi fl-ewwel lok huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*"Illi fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti qegħdin jiġu opposti għaliex ma teżisti l-ebda ħtieġa li ssir bidla fl-att tat-twelid tar-rikorrenti stante li l-isem "Tonio" m'huwiex għajr abbrevjament tal-isem "Anthony" – ara f`dan is-sens il-ġudikat tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet "Nardu Balzan Imqarreb vs Direttur tar-Registru Pubbliku" kawża deċiża fit-30 ta' Gunju 2004, kif ukoll il-ġudikat tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Stefania magħrufa bl-isem Steffi Vella Laurenti vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku" deċiża fit-22 ta' Frar 2013;*

*"Illi subordinatament u minghajr preġudizzju għall-premess, in kwantu, dak mitlub jikkonċerna l-mertu tal-kawża l-esponent m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u fid-dokumenti mehmuża, għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali, kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti. Madanakollu f`dan il-kuntest tajjeb li jingħad li l-bidla jew korrezzjoni ta' isem taħt l-artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta m'hijiex xi miżura ordinarja li hija miftuħa għall-inizjattiva diskrezzjonali u kappriċċuża tal-individwu. Għal kuntrarju din ix-xorta ta` azzjoni hija miżura straordinarja għal skopijiet pubbliċi. Kwindi l-awtoriżżazzjoni ġudizzjali ta' bidla fl-isem għandha tingħata biss jekk jirriżulta li din hija meħtieġa assolutament għall-esiġenza pubblika;*

*"Illi finalment mingħajr preġudizzju għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent, u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

*"Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*"Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.*

*"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u l-lista tax-xhieda.*

*"Semgħet lill-attur;*

*"Rat illi fil-verbal tas-seduta tas-6 ta' Novembru 2013 il-kawża ġiet differita għas-sentenza;*

*"Ikkunsidrat;*

*"Illi l-attriċi qed tagħmel* [*recte: l-attur qed jagħmel*] *din it-talba ai termini tal-artikoli 253 et sequitur tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni ai termini tal-artikolu 254 saret debitament.*

*"Illi t-talba attriċi hija ġustifikata kif indikat fil-verbal imsemmi u mid-dokumenti esebiti, fejn jirriżulta evidenti li l-attur dejjem issejjaħ bl-isem "Tonio". Naturalment il-konvenut ma jaħtix għal dan u ma għandux ibati spejjeż.*

*"DEĊIŻJONI*

*"Għaldaqstant, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi. L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attur*";

3. Id-Direttur intimat fisser l-aggravju tiegħu mill-imsemmija sentenza billi qal li: "minn eżami akkurat tas-sentenza appellata jidher ċar li l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-attur mingħajr ma ppronunzjat ruħha bl-ebda mod fir-rigward tal-eċċezzjonijiet imressqa mill-appellant fir-risposta ġuramentata tiegħu". Huwa jgħid li, b'mod partikolari, s-

sentenza appellata ma qisitx it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tiegħu u b'dan il-mod, l-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-attur appellat meta l-liġi tgħid b'mod ċar li, f'ċirkostanzi bħalma kienu dawk tal-istess appellat, it-talbiet tiegħu ma messhomx intlaqgħu;

4. L-attur appellat, laqa' n-notifika tal-atti tal-appell imma ma ressaqx Risposta għar-rikors tal-appellant. Madankollu, l-avukat imqabbad minnu ittratta bil-fomm quddiem il-Qorti;

5. Rat in-Nota ta' Rinunzja magħmula mis-Sinjorija Tiegħu l-Prim'Imħallef waqt is-smigħ tat-3 ta' Lulju, 2018[1];

6. Rat is-Surroga tas-6 ta' Lulju, 2018[2], li bis-saħħa tagħha l-Qorti ġiet kostitwita kif issa komposta;

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-23 ta' Ottubru, 2018;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[1] Paġ. 56 tal-proċess
[2] Paġ. 57 tal-proċess

9. Rat li l-appell tħalla għas-sentenza għal-lum;

***Ikkunsidrat:***

10. Illi l-aggravju tad-Direttur appellant jdur mal-fatt li l-isem li l-attur appellat irid li jiddaħħal fl-Att tat-Twelid tiegħu minflok l-isem indikat li bih kellu jkun imsejjaħ ma huwa xejn aktar mill-għamla mqassra tal-istess isem indikat. Għalhekk jgħid li l-ewwel Qorti ma messhiex tilqa' dik it-talba għaliex taqa' f'dak li jpprovdi l-*proviso* tal-artikolu 253(2) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi li "*iżda, t-talba ġudizzjarja msemmija f'dan is-subartikolu m'għandhiex issir meta l-isem jew l-ismijiet li l-persuna tkun użat għaliha l-familja tagħha jkunu biss verżjoni mqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv*". L-appellant jgħid li l-isem "Tonio" mhuwiex ħlief tqassir tal-isem "Anthony" li ngħata lill-attur appellat fl-Att tat-Twelid tiegħu;

11. Illi, bħala fatt, l-Att tat-Twelid tal-attur appellat[3] juri li kemm l-isem mogħti u kif ukoll l-isem li bih kellu jissejjaħ tniżżlu bħala "Anthony". Din id-dikjarazzjoni saret minn missieru nnifsu sitt

[3] Nota Isk. 9441/48 (Dok "A", f'paġ. 6 tal-proċess)

(6) ijiem wara t-twelid tal-attur appellat. Maż-żmien, beda jintuża l-isem "Tonio" kemm f'dokumenti marbuta mal-ħidma professjonali tiegħu[4] u kif ukoll f'dokumenti maħruġa minn awtoritajiet jew istituzzjonijiet f'Malta b'rabta man-numru tal-Karta tal-Identità tiegħu[5];

12. Illi d-Direttur appellant jisħaq li l-isem li l-attur appellat irid li jitniżżel fl-Att tat-Twelid tiegħu minflok dak li jidher fl-istess Att huwa taqsira ta' dak l-isem u għalhekk it-talba tiegħu ma jmisshiex intlaqgħet mill-ewwel Qorti minħabba dak li jgħid il-*proviso* tal-artikolu 253(2) tal-Kodiċi Ċivili. Biex isaħħaħ dan l-aggravju tiegħu, id-Direttur appellant isemmi żewġ sentenzi[6] li ċaħdu talbiet bħal dik li għamel l-attur appellat fil-kawża tallum;

13. Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-appell tad-Direttur mhuwiex mistħoqq u s-sentenzi minnu msemmija ma joqogħdux għaċ-ċirkostanzi tal-każ. Dan qiegħed jingħad għaliex it-talba tal-attur hija, fis-sewwa, talba għal bidla tal-isem minflok dak lilu mogħti fl-Att tat-Twelid tiegħu u mhux talba għall-għarfien tat-

---

[4] Dokti "TD2" u "TD3", f''paġġ. 7 sa 17 tal-proċess
[5] Dokti "TD4" sa "TD10", f'paġġ. 18 sa 25 tal-proċess
[6] P.A. PS **30.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Nardu Balzan Imqareb vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** u App. Ċiv. **22.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Stefania magħrufa bl-isem Steffi Vella Laurenti vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku***

tqassir ta' dak l-isem. Fit-tieni lok, din il-Qorti tqis li r-rimedju mogħti lil persuna taħt l-artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili jgħodd mhux biss meta jkun sar żball f'Att ta' Twelid ta' persuna dwar l-isem mogħti lilha jew l-isem li bih imissha tkun magħrufa, imma wkoll meta, mal-medda taż-żmien, jintwera li dik il-persuna bdiet tissejjaħ b'isem ieħor u li ma jkunx tqassir tal-isem mogħti jew tal-isem li bih kellha tissejjaħ[7]. Fit-tielet lok, l-isemli l-attur appellat jitlob li jiddaħħal fl-Att tat-Twelid tiegħu bħala l-isem li bih għandu jkun magħruf mhuwiex verżjoni mqassra tal-isem mogħti jew tal-isem li jissemma fl-Att tat-Twelid tiegħu bħala l-isem li bih kellu jkun magħruf għaliex "Tonio" mhuwiex it-taqsira tal-isem "Anthony" – jekk stess "Tonio" huwa taqsira tal-isem "Antonio", li ma huwiex l-isem li l-attur appellat ingħata u lanqas kien dak li kellu jissejjaħ bih;

14. Illi, min-naħa l-oħra, l-attur appellat seħħlu juri li ilu żmien twil magħruf minn familtu u nies oħrajn li magħhom ħadem fil-ħajja pubblika tiegħu bl-isem li jrid li jitniżżel fl-Att tat-Twelid tiegħu. Id-Direttur appellant ma meriex il-provi mressqa mill-attur f'dan ir-rigward;

[7] P.A. LSO **14.7.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Pia sive Pia Darmanin vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** (mhix appellata)

***Deċiżjoni:***

15. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi **tiċħad l-appell** imressaq mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, **bl-ispejjeż** ta' din l-istanza kontra tiegħu, u tikkonferma s-sentenza appellata.  L-ispejjeż tal-ewwel istanza jitħallsu kif ordnat fis-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph R Micallef<br>Agent President | Tonio Mallia<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr